MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-29 ta' April, 2014

Appell Civili Numru. 14/2014/3

**Edward De Gaetano**

**v.**

**Johanna De Gaetano llum Ganado**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti Johanna De Gaetano tesponi bir-rispett:

> "Illi s-sekwestrant Edward DeGaetano talab u ottjena l-hrug tal-fuq indikat mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra s-sekwestrata esponenti ghas-**sorti** ta' mitejn u tlieta u tletin elf Euro (**€233,000**) u **imghax** ta' erbat elef, tliet mija u erbghin Euro u tnejn u tmenin centezmi (**€4,340.82**) li flimkien igibu s-somma ta' mitejn u sebgha u tletin elf, tliet mija u erbghin Euro u tnejn u tmenin centezmi (**€237,340.82**) ghab-bazi tat-titolu ezekuttiv hemm imsemmi u cioe` "kreditu kanonizzat permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Jannar 2012 fil-kawza fl-ismijiet *"Johanna DeGaetano pro et noe -vs- Edward DeGaetano* (Citazzjoni Numru 1665/2001NC) li nkorporat il-kanonizzazzjoni tal-kreditu fuq imsemmi kif deciz minn din l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet *"Edward DeGaetano -vs- Johanna DeGaetano* (Citazzjoni Numru 1578/2001NC) liema kanonizzazzjoni ghalkemm revokata mill-Qorti tal-Appell bis-Sentenza taghha tat-28 ta' Gunju 2013 fl-ahhar imsemmija kawza (Citazzjoni Numru 1578/2001NC), baqghet mhux mittiefsa bis-Sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija wkoll fit-28 ta' Gunju 2013 fil-kawza citazzjoni numru 1665/2001NC";
>
> "Illi pero` ebda wahda mis-Sentenzi fuq citati ma jikkanonizzaw lis-sekwestrant kreditur ghas-somma minnu pretiza u li ghaliha inhareg il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fuq indikat – ghal kuntrarju jirrizulta mis-Sentenza finali fil-kawza Citazzjoni Numru 1578/2001NC inkorporata fis-Sentenza Finali Citazzjoni Numru 1665/2001NC, li s-somma ta' €233,000 pretizi mis-sekwestrant huma pacuti kontra l-krediti parafernali tas-sekwestrata, anke jekk dawn il-krediti parafernali huma wisq aktar mill-imsemmija somma ta' €233,000, biex b'hekk, fi kliem l-istess Sentenza, "mhu dovut mill-attur (is-sekwestrant) ebda hlas ulterjuri f'dan ir-rigward.";
>
> "Illi f'dan il-punt il-Qorti ziedet hekk: "Jibqa ferm pero` dak dovut lill-konvenuta (is-sekwestrata) mill-attur (is-sekwestrant) taht is-sezzjoni hawn taht intestata 'Mobbli – Komunjoni – Parafernali'";

“Illi ghalhekk, skont l-istess Sentenza, huwa s-sekwestrant li ghandu jaghti lis-sekwestrata u mhux vici-versa u huwa addirittura spavalt is-sekwestrant li jaqleb din is-Sentenza b’mod li jippretendi li hu ghandu jiehu u mhux jaghti billi dik is-Sentenza kkanonizzatu kreditu u, bl-aktar mod atroci, jipprocedi ezekuttivament kontra s-sekwestrata!

“Illi jidher li s-sekwestrant qieghed jippretendi s-sorti ta’ €233,000 minn dik il-parti tal-istess Sentenza li hu ghandu jigi kumpensat dik is-somma ghas-sehem tieghu ta’ dik li kienet id-dar matrimonjali (Villa Belvedere) u li giet assenjata lis-sekwestrata. Izda li qieghed jiskarta s-sekwestrant huwa li, kif sottomess aktar ’il fuq f’dan ir-rikors, din is-somma giet pacuta ma’ krediti ferm akbar tas-sekwestrata b’mod li ma jkun dovut xejn aktar minnu lis-sekwestrata;

“Illi anke jekk, ghal grazzja tal-argument, ma hemmx din it-tpacija kif iddecidiet din il-Qorti u kkonfermat il-Qorti tal-Appell b’mod li s-sekwestrata ma tkun inghatat propju xejn ghall-krediti parafernali taghha, in linja sussidjarja, jigi sottomess li s-sekwestru fuq indikat huwa intempestiv billi dik is-somma ta’ €233,000 tkun dovuta mis-sekwestrata lis-sekwestrant mat-trasferiment ta’ sehemu ta’ Villa Belvedere lilha permezz tal-att pubbliku ordnat mill-Qorti tal-Appell u mhux qabel; u s-sekwestrant ma jistax jippretendi li jircievi l-flus ghal sehemu minn din il-proprjeta` qabel it-trasferiment tieghu;

“Ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghad-drittijiet kollha taghha inkluz li tipprocedi ghad-danni kontra l-intimat sekwestrant minhabba l-agir altament abuziv u illegali tieghu, l-esponenti sekwestrata umilment titlob illi din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla l-mandat ta’ sekwestru numru 321/13 fl-ismijiet Edward DeGaetano versus Johanna DeGaetano bhalikieku qatt ma kien u tordna li tali digriet jigi notifikat lis-sekwestratarji kollha indikati fl-istess mandat flimkien ma’ dan ir-rikors.”

Rat ir-risposta tal-intimat Edward De Gaetano fejn jissottometti:

“1. Illi t-talba għat-tħassir, revoka u annullament tal-mandat ta’ sekwestru numru 321/13 hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

“2. Illi jibda biex jingħad għal fini ta’ kjarezza dwar kif l-ammont in kwistjoni ngħata s-saħħa ta’ titolu eżekuttiv, li tali kreditu ġie kanonizzat bis-sentenza *“Johanna De Gaetano pro et noe vs Edward De Gaetano”* (Ċit. Nru. 1665/2001 NC). Kienet din is-sentenza li nkorporat il-kanonizzazzjoni tal-kreditu ndikat fil-mandat kif kien ġie deċiż fl-istess ġurnata fil-kawża fl-ismijiet inversi (Ċit. Nru. 1578/2001 NC) u mhux viċiversa kif tgħid ir-rikorrenti fir-rikors odjern. Din is-sottomissjoni tant ġiet aċċettata mir-rikorrenti odjerna li hi fil-fatt talbet u ottjeniet il-ħruġ tal-Mandat ta’ Żgumbrament numru 306/13 (**Dok EDG1**) proprju bis-saħħa tas-sentenza mogħtija fil-kawża biċ-Ċitazzjoni Nru. 1665/2001 NC.

“3. Illi fil-kawża biċ-Ċitazzjoni Nru. 1665/2001 NC, il-Qorti laqgħet it-talbiet numri ħamsa, sitta, sebgħa u tmienja *“kif stabbiliti fis-sentenza fuq ċitata”* (cioe` dik biċ-Ċitazzjoni Nru. 1578/2001 NC). Dawn it-talbiet kienu jirrigwardaw ix-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet u l-likwidazzjoni tagħha tenut kont tad-dekadenzi kontemplati fil-liġi kontra l-esponent u l-prelevamenti dovuti lir-rikorrenti odjerna minħabba donazzjonijiet u r-rikavat mill-bejgħ ta’ oġġetti parafernali lilha spettanti, oġġetti li kienu ġew versati fil-komunjoni tal-akkwisti.

“4. Illi l-allegazzjoni li s-somma kanonizzata ta’ €233,000 hija paċuta kontra l-krediti parafernali tar-rikorrenti hija nvenzjoni pura u sempliċi tal-istess rikorrenti.

“5. Illi fil-fatt fis-sentenza biċ-Ċit. Nru. 1578/2001 NC (inkorporata fis-sentenza biċ-Ċit. Nru. 1665/2001 NC), taħt it-titolu *‘Assenjazzjoni’* il-Qorti qalet li bil-kumpensazzjoni lill-esponent dapparti tar-rikorrenti odjerna tas-somma ta’ €233,000, fil-komputazzjoni ta’ dan l-ammont il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti fatturi:

> ““(1) li l-villa setgħet tinbena biss bis-saħħa tad-donazzjonijiet sostanzjali magħmula lill-konvenuta minn missierha għal dan l-iskop; ukoll bil-ħidma tal-konvenuta u ta’ ommha;

"(2) li s-sehem tal-attur fil-kostruzzjoni tal-villa, ma jirrizultax car mill-provi, ghalkemm jirrizulta zgur li hu kien imur fuq il-post sabiex jara li l-affarijiet isiru skont kif ried hu.

"(3) li pero` l-attur ghandu in enfitewsi perpetwa nofs infiviz tal-art li fuqha nbniet il-villa;

"(4) li, l-attur huwa l-parti unikament hatja ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg."

"6. Inoltre l-Qorti ordnat ukoll li bit-trasferiment ta' sehemu minn Villa Belvedere *"l-krediti parafernali tal-konvenuta jitqiesu bhala saldati"* (sottolinjar tal-istess Qorti) u biex taghmilha ultra cara qalet ukoll li *"ghalhekk mhu dovut mill-attur ebda hlas ulterjuri f'dan ir-rigward".* M'hemmx dubju li l-"attur" huwa l-esponent u ghalhekk m'hemmx dubju li b'din id-disposizzjoni l-Qorti kienet qed tghid li bil-hlas lilu tas-somma ta' €233,000:

"(i) tali somma kellha tigi ritenuta bhala l-bilanc dovut lill-esponent wara l-issaldjar tal-krediti kollha parafernali tar-rikorrenti odjerna;

"(ii) wara l-hlas lilu ta' din is-somma, l-esponent ma kien jifdallu jhallas xejn iktar lir-rikorrenti fir-rigward tal-krediti parafernali taghha.

"7. Illi f'tali kuntest ghandu jigi osservat li sabiex il-Qorti waslet ghal dan ir-ragunament hija kienet adottat il-valutazzjoni ta' Villa Belvedere fl-ammont ta' €1,750,767 li allura fin-normalita` tac-cirkostanzi kien jintitola lill-esponent ghal nofs il-valur taghha, cioe` €875,383.50. Il-Qorti pero` ddecidiet li wara li qieset il-krediti parafernali tar-rikorrenti odjerna u bl-applikazzjoni tad-dekadenzi kontemplati fl-Artikoli 48, 51 u 52, l-esponent kien jisthoqqlu biss li jigi kumpensat bis-somma ta' €233,000. Meta l-esponent appella fuq dan il-punt ghaliex irritjena zbaljat l-aritmetika tal-ewwel Qorti li naqset il-krediti parafernali/danazzjonijiet spettanti lill-attrici min-nofs sehmu minflok mill-valur shih ta' Villa Belvedere, il-Qorti tal-Appell osservat li ghalkemm l-esponent seta' jkollu ragun *"mad-daqqa t'ghajn":*

*""Madanakollu meta wiehed jezamina s-sentenza sew jinduna li fil-fatt il-Qorti mhux zball kienet hadet izda kkunsidrat bhala donazzjonijiet esklussivi lill-*

*appellata dawk li l-appellant iqis bhala krediti fil-kumputazzjoni tieghu. Kien ghalhekk li l-Qorti ddecidiet li takkorda s-somma ta' mitejn, tlieta u tletin elf Euro (€233,000) liema somma llikwidat arbitrio boni viri u anke hawn din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba la l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li fil-fatt dawk kienu donazzjonijiet maghmula mill-genituri tal-appellata lilha biss u lanqas il-likwidazzjoni li saret mill-istess Qorti bbazata fuq il-figuri li kellha quddiemha."*

"8. Illi ghalhekk il-Qorti tal-Appell ma laqatx l-aggravju tal-esponent ghaliex irriteniet li ma kellhiex tiddisturba l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li kienet waslet ghal kumpens ta' €233,000 (cioe` oltre €640,000 inqas mis-sehem tan-nofs altrimenti spettanti lill-esponent) minhabba mhux biss il-krediti parafernali tal-attrici (li kienu altrimenti jwasslu ghal bilanc iktar gholi dovut lill-esponent) izda wkoll fuq il-bazi ta' *arbitrio boni viri*, liema komputazzjoni u diskrezzjoni, il-Qorti tal-Appell irriteniet li m'ghandhiex tiddisturba.

"9. Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti odjerna li hi, skont is-sentenza, m'ghandha tati xejn mis-somma meritu tal-mandat ta' sekwestru, anzi ghandha tiehu minghand l-esponent, hija mhux biss frivola u vessatorja izda sahansitra kontradittorja mal-ewwel aggravju li hi interponiet fl-Appell Incidentali li ntavolat quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kawza bic-Cit. Nru. 1665/2001 NC. Permezz ta' dan l-aggravju hija ssottomettiet li gjaladarba l-ewwel Qorti kienet iddecidiet li tikkomina l-effetti tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili kontra l-esponent, dik il-Qorti messha wkoll cahditu mill-ammont ta' €233,000 li hi ordnat li kellhom jithallsu lill-esponent mill-proprjeta` msemmija <u>bhala ekwiparazzjoni</u>. Dan l-aggravju tar-rikorrenti odjerna gie michud ghaliex skont il-Qorti tal-Appell:

""Din il-Qorti ma taqbilx ghaliex kif gia` ssemma aktar qabel, ma kienx proprjament l-Artikolu 48 li gie applikat (ma rrizultawx adulterju jew abbandun) izda l-Artikolu 51 u dan l-artikolu ma jindikax li ghandhom jigu bilfors komminati l-effetti kollha tal-Artikolu 48 izda l-Qorti ghandha s-setgha li tapplika anke whud minnhom. Kif gia` rrimarkat din il-Qorti fir-rigward ta' aggravji tal-appellat, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiddisturba din id-diskrezzjoni li certament ma gietx uzata mill-ewwel Qorti kapriccozament. Oltre dan, ma jistax jigi argumentat li l-proprjeta` inkwistjoni saret bil-hidma tal-appellata waheda anke jekk kien hemm kontribut sostanzjali da parti tal-genituri taghha."

"10. Illi ghar-ragunijiet fuq esposti ghalhekk ghandu jirrizulta car li l-esponent gie effettivament kanonizzat fis-somma ta' €233,000 *in linea* ta' kumpens talli l-Villa Belvedere giet assenjata lir-rikorrenti odjerna.

"11. Illi l-esponent inoltre jissottometti li hu kellu jasal biex jintavola l-mandat ta' sekwestru odjern ghaliex ir-rikorrenti odjerna, tramite d-difensuri taghha, ma rieditx tasal ghal ftehim biex thallas dan il-kumpens u riedet biss li l-Qorti tal-Appell tiffissa gurnata, lok u hin biex semplicement issir l-assenjazzjoni tal-villa minghajr ebda hlas – fatt li ghandu jirrizulta minn rikors li r-rikorrenti odjerna pprezentat xhur ilu quddiem il-Qorti tal-Appell, ta' liema rikors l-esponent ma setax jottjeni kopja tieghu izda kkonferma mar-Registru tal-Qorti tal-Appell li jinsab pendenti quddiem dik il-Qorti.

"12. Illi finalment jigi umilment sottomess li apparti dak rilevat fil-paragrafu precedenti, lanqas jista' jinghad li l-mandat odjern gie prezentat intempestivament ghaliex il-kanonizzazzjoni tal-kreditu tal-esponent ma jiddependix mill-kuntratt ta' assenjazzjoni tal-villa izda mis-sentenza nnifisha tal-Ewwel Qorti li ma gietx mittiefsa f'dan ir-rigward mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell."

Rat il-verbali tal-kawza;

Rat il-provvediment tal-Qorti tal-Familja moghti fid-19 ta' Frar 2014 li permezz tieghu laqghet it-talbiet tar-rikorrenti u hassret il-mandat ta' sekwestru msemmi;

Rat ir-rikors tal-konvenuta li permezz tieghu talbet:

*"... illi din il-Qorti thassar id-digriet in kwantu jipprovdi illi s somma ta' 233 000 ma ghandiex tigi pacuta mal-krediti parafernali u tiddecidi li l-istess somma*

*huma sladati bil-krediti parafernali u illi din il-Qorti tikkonfermah fejn hassret il-mandat imsemmi billi intalab u inhareg intempestivament u thassru"*

Rat ir-risposta tal-appellat li permezz taghha ssottometta illi l-appell huwa frivolu u vessatorju u kellu jigi michud u d-digriet konfermat;

L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod;

"Permezz ta' rikors prezentat fl-20.1.2014 Johanna DeGaetano talbet li jithassar il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru: 321/2013. Mandat li nhareg fuq talba ta' Edward DeGaetano ghas-somma ta' Ewro233,000 bhala:-

*""kreditu kanonizzat permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-26 ta' Jannar 2012 fil-kawza fl-ismijiet Johanna De Gaetano pro et nomine vs Edward De Gaetano (Citaz. numru 1665/2001NC) li nkorprat il-kanonizazzjoni tal-kreditu fuq imsemmi kif deciz minn din l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet Edward De Gaetano vs Johanna De Gaetano (Citazzjoni numru 1578/2001NC) liema kanonizazzjoni ghalkemm revokata mill-Qorti ta' l-Appell bis-sentenza taghha tat-28 ta' Gunju 2013 fl-ahhar imsemmija kawza (Citazzjoni numru 1578/2001NC) baqghet mhux mittiefsa bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell moghtija wkoll fit-28 ta' Gunju 2013 fil-kawza citazzjoni numru 1665/2001NC."*.

"It-talba ghar-revoka tal-att ezekuttiv hi bazata fuq:-

"i. wahda mis-sentenza fuq citati ma jikkonizzawx lil Edward DeGaetano bhala kreditu tas-somma pretiza, u anzi l-ammont pretiz gie pacut kontra krediti parafernali tar-rikorrenti. Skond is-sentenza d-debitur huwa Edward DeGaetano u mhux vice versa;

"ii. It-talba ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru hi intempestiva ghaliex is-somma ta' Ewro 233,000 tkun dovuta mat-trasferiment ta' sehemu ta' Villa Belvedere permezz ta' att pubbliku ordnat mill-Qorti ta'

l-Appell u mhux qabel. Edward DeGaetano ma jistax jippretendi li jircievi l-hlas qabel ma jittrasferixxi sehemu mill-fond lir-rikorrenti.

“Bejn il-kontendenti kien hemm zewg kawzi ta’ separazzjoni:-

“(a) **Johanna DeGaetano proprio et nomine vs Edward DeGaetano** (1665/01);

“(b) **Edward DeGaetano vs Johanna DeGaetano** (1578/01);

“B’sentenzi ta’ din il-qorti fil-kaz 1578/2001, il-qorti ordnat l-assenjazzjoni ta’ Villa Belvedere lir-rikorrenti, filwaqt li ordnat li thallas lil zewgha s-soma ta’ Ewro233,00. F’dan ir-rigward il-qorti qalet ukoll li bit-trasferiment tal-villa, *“l-krediti parafernali tal-konvenuta jitqiesu bhala saldati, u ghalhekk mhux dovut mill-attur ebda hlas ulterjuri f’dan ir-rigward.”*. Min-naha taghha l-Qorti tal-Appell varjat is-sentenza ta’ din il-qorti fis-sens li hassret dik il-parti tas-sentenza fejn illikwidat u qasmet il-komunjoni tal-akkwisti, ghaliex l-attur (Edward DeGaetano) ma kien ghamel l-ebda talba f’dan is-sens. Ghalhekk illimitat ruhha biex tiddikjara mitmuma l-komunjoni tal-akkwisti. Madankollu l-likwidazzjoni li saret fil-kawza 1578/2001 tapplika wkoll ghas-sentenza 1665/2001 (**Johanna DeGaetano proprio et nomine vs Edward DeGaetano**). Fil-fatt fis-sentenza ta’ din il-qorti jinghad:-

*““(6) tilqa’ t-talba numru disa’ fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata Mobbli-Komunjoni-Parafernali’ skond is-sentenza precitata”* (fol. 11). F’dik is-sentenza inghad li l-qorti kienet qeghda *“taddotta bis-shih il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggunit minnha fis-sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet inversi numru 1578/01.”*.

“Mehuda in konsiderazzjoni dawn il-fatti, il-qorti hi tal-fehma li:-

“i. Jirrizulta li Edward DeGaetano gie ordnat ihallas lil martu s-somma ta’ **Ewro39,017** bhala s-sehem taghha mill-oggetti li jissemmew fil-lista JDG1 mill-partita 2 sal-21. Oggetti li gew assenjati lir-ragel. Inoltre ordnat li Edward DeGaetano ***“ihallas lill-konvenuta l-***

***valur ta' l-oggetti ndikati fil-lista JDG5 skond l-istimi annessi"*** (fol. 28). Mela hu evidenti li hemm element ta' tpacija.

"Pero' ghalkemm fis-sentenza jinghad li hemm ukoll krediti parafernali ta' Johanna DeGaetano fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti, f'dan ir-rigward ir-ragel m'ghandu l-ebda obbligu li jaghmel xi hlas meta tqies li l-qorti ghamlitha cara li bit-trasferiment tal-villa ***".... l-krediti parafernali tal-konvenuta jitqiesu bhala saldati"***. Il-qorti m'hijiex taqbel mat-tezi tar-rikorrenti li s-somma ta' €233,000 ghandha tigi pacuta mal-krediti parafernali. Fl-ewwel lok tosserva li l-krediti parafernali m'huwiex xi dejn li jrid jaghmel tajjeb ghalih biss ir-ragel. Dan hu kreditu tal-komunjoni tal-akkwisti. Fatt ikkonfermat mill-qorti fis-sentenza tas-26 ta' Jannar 2012.

"Jirrizulta li:-

"(a) Villa Belvedere giet stmata fis-somma ta' **€1,750,767**

"(b) Skond is-sentenza il-mara ghanda kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti ta' (€426,119)

(€62,070.53)

(€102,492)

"Dan ihalli bilanc ta' **€1,160,085**. B'dan it-tnaqqis jigi li l-mara rkuprat dak li l-qorti llikwidat bhala kreditu fil-konfront tal-komunjoni. Il-qorti tikkonkludi li kien ghalhekk li fis-sentenza nghad li *"....bit-trasferiment ta' sehemu mill-Villa, l-krediti parafernali tal-konvenuta jitqiesu bhala saldati...."*. Wiehed irid jiftakar li d-dar hi taz-zewg kontendenti. Meta l-bilanc jinqasam bejn il-kontendenti f'sehem ugwali, kull wiehed ghandu jedd li jircievi **€580,042**. Pero hu evidenti li minhabba l-erba' ragunijiet li ssemmew mill-qorti fil-parti tas-sentenza ntestata ***Assenjazzjoni*** (ara fol.11 tas-sentenza 1578/01), illikwidat *arbitrio boni* viri s-sehem tar-ragel fl-ammont ta' **€233,000**. Imkien ma jinghad li din is-somma ghandha tigi pacuta mal-krediti parafernali li Johanna DeGaetano ghandha kontra l-komunjoni tal-akkwisti. Dawk diga' nqatghu bil-mod spjegat hawn fuq.

"Il-qorti ttendi wkoll biex taqbel mad-difensur tal-intimat li l-appell incidentali li sar mir-rikorrenti fil-kawza 1665/2001 jaghti lil wiehed x'jifhem li f'dak l-istadju l-mara kienet konsapevoli li ma kien hemm l-ebda tpacija. Fil-fatt f'dak l-appell it-tezi tar-rikorrenti kienet li zewgha kellu jigi mcahhad mis-somma ta' Ewro233,000 peress li l-qorti mponiet fuqu s-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

"ii. Hu evidenti li l-ordni tal-qorti li Johanna DeGaetano thallas €233,000 saret fl-ottika ta' likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u qsim tal-oggetti li jifformaw parti mill-istess. Somma li din il-qorti ghamlitha cara li *"ghandha thallas lill-attur"*.

"Il-qorti taqbel mat-tezi tar-rikorrenti li t-talba ghall-hlas ta' €233,000 hi intempestiva. Il-hlas ghandu jsir hekk kif jigi ppubblikat il-kuntratt ordnat mill-qorti. Hu f'dak l-istadju li l-qasma ser tigi formalizzata. Fil-fatt fis-sentenza tat-28 ta' Gunju 2013 (**Johanna DeGaetano pro et noe vs Edward DeGaetano** – 1665/2001), il-Qorti tal-Appell innominat lin-nutar Dr Silvana Borg Caruana sabiex tippubblika l-att relattiv. Ghal din il-qorti dan ghandu jfisser li l-qasma u assenjazzjoni ser issir permezz tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Kieku kien mod iehor ma kienx ikun hemm bzonn li jigi ppubblikat kuntratt. Is-somma ta' €233,000 ser tithallas lill-intimat ghaliex Villa Belvedere ser tigi assenjata lir-rikorrenti. Hu mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt li l-assenjazzjoni ser tigi formalizzata. Ghalhekk hu f'dak l-istadju li Johanna DeGaetano trid thallas is-somma ta' €233,000 lil zewgha, li din il-qorti stess qalet li hi dovuta bhala kumpens ghal tali assenjazzjoni. M'huwiex legalment korrett li jintalab il-hlas qabel it-titolu ta' proprjeta ta' Villa Belvedere ikun **kollu** f'isem Johanna DeGaetano.

**"Ghal dawn il-motivi tqies li l-ilmenti tar-rikorrenti huma flokhom u ghalhekk ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv ma kellux jintlaqa'. Ghaldaqstant, tilqa' t-talba u thassar il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 321/2013 fl-ismijiet Edward DeGaetano vs Johanna DeGaetano mahrug fit-30 ta' Dicembru 2013. Spejjez a karigu ta' Edward DeGaetano."**

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' April 2014 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Ikkunsidrat:

**Aggravju tal-Appellanti**

Illi **l-ewwel u uniku aggravju** tal-appellanti huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti zbaljat meta hassret il-mandat biss minhabba l-intempestivita` tieghu u skont hi '*tat arma ferm perikoluza lill-appellat billi hallietlu l-bieb miftuh ghal pretensjoni ta' €233,000 intiera mat-trasferiment ta' Villa Belvedere'.* Skont l-appellanti allura, kif spjegat fit-tieni parti tal-aggravju taghha, din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-28 ta' Gunju 2013, irritjeniet l-oppost ta' dan.

Qabel xejn din il-Qorti tajjeb li taghmilha cara li l-parti tal-provvediment illi qed tappella fuqha l-appellanti **m'hijiex** dik operattiva. Kif qalet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Andrew Pace et v. Unscheduled Bus Service**, deciza fil-15 ta' Dicembru 2003:

> *"Il-Qorti ssib pjuttost stramb li parti vincenti f' gudizzju tappella ... mill-parti razzjonali, ossija minn motivazzjoni singolari tas sentenza... u ghalhekk ma tistax lanas tiqies bhala xi dikjarazzjoni* ***decisiva jew obligatorja*** *kif irid l-artiklu 219 tal-Kap. 12.*

> *"Il-Qorti tifhem illi bl-espressjoni 'kap wiehed jew izjed ta' kull sentenza' adoperata fl-artiklu 240 tal-Kap. 12 jew f' disposizzjonjiet ohra tal-Kodici tal-Procedura u Organizzazzjoni Civili .. fejn tissema l-kelma 'kap' il-ligi qed tirreferi espressament ghall kapi fil-parti operattiva tas-sentenza. Kapi li minnhom l-attur appellat jista jappella incidentalment jekk isib ruhu avversament kolpit."*

<u>Din il-Qorti</u> zzid ukoll illi l-Artikolu **226 (2)** tal-istess Kap. 12 jghid illi:

> *"Meta appell ma jsirx mis-sentenza kollha, għandhom jissemmew, fir-rikors tal-appell, il-<u>kapi tas-sentenza</u> li minnhom isir appell*." (*sottolinear tal-Qorti).*

Fil-fehma tal-Qorti huwa car li dak li gie citat dwar appell incidentali japplika ghall-appell principali u fejn l-Artikolu 226 (2) isemmi l-kelma 'kapi' qed jirreferi ghall-istess tifsira ta' dik il-kelma kif spjegat fis-sentenza citata. Dan kollu allura jfisser li appell, kemm principali u kemm incidentali, jista' jsir biss mill-parti dispozittiva tas-sentenza u allura l-parti *deciziva u obligatorja* kif gia` ssemma'. Fil-kaz in ezami l-appellanti qed tappella unikament mir-raguni ghaliex it-talba taghha giet akkolta u allura minn motivazzjoni tas-sentenza li skont hi, m'hijiex korretta. Ladarba pero` din m'hijiex parti essenzjali mis-sentenza u allura strettament ma torbotx il-partijiet kif torbothom il-parti dispozittiva, il-Qorti ghal ragunijiet purament procedurali kif anke qalet il-Qorti tal-Appell fl-istess sentenza msemmija, ser tiddikjara dan l-appell inammissibbli.

Madankollu din il-Qorti thoss li hu doveruz (biex jekk hu possibbli tevita aktar vertenzi bejn il-partijiet) tikkummenta li s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-28 ta' Gunju 2013 gia` msemmija hekk ikkummentat fil-parti relattiva ghal hlas ta' €233,000 fuq imsemmi;

> *"It-tieni ilment tal-attur 'prima facie' jidher gustfikat. Huwa jghid li anke jekk wiehed jiehu l-ammont imsemmi li huwa l-inqas wiehed favorevoli ghalih fil-komputazzjoni relattiva ghall-ammont dovut lilu skont il-qasam ordnata mill-Qorti, dan ghandu jkun akbar minn €233,000 ghaliex il-Qorti jidher li minflok naqqset il-kredit parafernali tal-attrici mill-ammont totali (ghaliex si tratta ta' krediti vis a` vis il-komunjoni), naqqsitu minn sehmu. Dan jista' jidher evidenti mad-daqqa t'ghajn – pero` l-ewwelnett meta l-appellant hadem l-ammont suppost dovut lilu ma naqqasx ukoll is-somma ta' €62,070 li gew donati lill-konvenuta mill-genituri taghha biex tixtri l-mobbli tad-dar fl-2002. Ghalhekk l-ammont dovut lill-appellanti kieku kellu jkun €579,827.*
>
> *"Madankollu meta wiehed jezamina s-sentenza sewwa jinduna li fil-fatt il-Qorti mhux zball kienet hadet izda ikkunsidrat bhala donazzjonijiet esklussivi lill-appellata dawk li l-appellant iqis bhala krediti fil-kumputazzjoni tieghu. Kien ghalhekk li l-Qorti ddecidiet li takkorda s-somma ta' €233,000 liema somma illikwidat 'arbitrio boni viri' u anke hawn din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba la l-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti li fil-fatt dawk kienu fil-fatt donazzjonijiet maghmula mill-genituri tal-appellata lilha biss u lanqas il-likwidazzjoni li saret mill-istess Qorti bbazata fuq il-figuri li kellha quddiemha. Ghalhekk il-Qorti wara li hasbet fit-tul u ezaminat l-atti tal-kawza wkoll se tirrespingi dan l-aggravju."*

Barra minn hekk l-istess appellanti fl-appell incidentali taghha mis-sentenza tal-ewwel Qorti f'dik il-kawza kienet talbet it-thassir tal-parti fejn skont ir-rikors stess taghha qalet illi l-Qorti tal-Familja kienet '*ghaddiet biex tikkundannaha thallas is-somma ta' €233,000 lill-konvenut* (f'dik il-kawza)". Din il-parti tal-appell ma gietx milqugha u s-sentenza tal-Prim' Istanza fir-rigward

ikkonfermata. Kwindi l-istess appellanti fehmet li kellha thallas is-somma ta' €233,000 lill-appellat.

Dan jindika wkoll car u tond li anke l-Qorti tal-Familja, anke fil-parti mhux dispozittiva taghha fehmet tajjeb u interpretat tajjeb is-sentenza tat-28 ta' Gunju 2013 bejn il-partijiet.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tiddikjarah inammissibbli u allura tichdu u tikkonferma d-digriet appellat.

L-ispejjez tal-kawza fl-ewwel istanza jibqghu wkoll kif decizi mill-Qorti tal-Familja fis-sentenza appellata; dawk tal-appell a karigu tal-appellanti.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------